**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**
**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**
**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**
**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tal-laqgħa numru 32 (tnejn u tletin) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 2 ta' Diċembru, 2014, fl-Uffiċċju Muniċipali tal-Imqabba, fis-7:00pm.

| Preżenti: | | |
|---|---|---|
| | Charlene Zammit | Deputat Sindku |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |

1. Il-laqgħa bdiet tard peress li dik prevista mal-Kappillan il-ġdid Dun John Curmi ħadet aktar milli kien skedat.

2. Il-kunsillieri skużaw lis-Sindku, is-Sur Nicholas Briffa li għadu rikoverat l-Isptar.

3. Grace Marie Mallia ressqet xi emendi għall-minuti tas-seduta preċedenti u dawn il-minuti kienu issekondati minnha u approvati unanimament.

4. **Punti mill-Minuti:**
5. Il-linji sofor (marki tat-traffiku) fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija u dawk fi Triq il-Parroċċa ħadu ħafna ħin minn din il-laqgħa sempliċiment għaliex il-ġirien imqabbdin f'xulxin.

6. Charlene Zammit semmiet kif il-proġett tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ intgħażel mill-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ nhar it-22 ta' Novembru, 2014 f'attivita' li nżammet apposta u li għaliha kienu preżenti l-istess żgħażagħ Imqabbin. Dan ifisser li issa l-istess żgħażagħ iridu jimplimentaw il-proġett fi żmien xahar. Intant, dawn bdew jaħdmu fuqu mill-ewwel biex ikunu ttappjati €3,000 u €1,500 mill-Aġenzija Żgħażagħ u mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rispettivament. Is-SE qal li hemm bżonn li jsir il-*poster* ħalli dan jgħaddi għall-*vetting* għand id-Dipartiment Gvern Lokali. Id-Deputat Sindku qalet li għada se jmorru ż-żgħażagħ għand l-istampatur biex dan isir, peress li biex isir l-istess *poster* kien hemm problema ta' deċiżjoni fuq il-ħin tal-avveniment. Dan minħabba l-attivitajiet tal-każini tal-banda, peress li dawn it-2 applikaw għal permess ta' attivita' fl-istess ġurnata (fit-13 ta' Diċembru) u l-pulizija ma ridux jagħtu il-permess liż-żewġ każini. Għalhekk iż-żgħażagħ tas-Soċjeta' Santa Marija kellhom jipposponu l-attivita' tagħhom billi tal-Ġilju applikaw qabilhom. Iż-żgħażagħ tas-Soċjeta' Santa Marija għażlu li jipposponu l-attivita' tagħhom għall-20 u l-21 ta' Diċembru minkejja li kienu ilhom infurmati mill-Kunsill taż-Żgħażagħ li fil-21 ta' Diċembru, 2014, kienu ser itellgħu l-attivita' tal-Villaġġ tal-Milied bl-isem Rigal Ħaj. Għall-bidu s-SE kien infurmat illi kien se jkun hemm *overlapping* ta' siegħa biss, u għalhekk ħareġ il-permess, mentri d-Deputat Sindku infurmat lill-KLM li l-Kunsill taż-Żgħażagħ iddeċieda li jwettaq il-proġett tiegħu bejn l-10:00am u s-6:00pm għax ħass li *Christmas village* aktar jagħmel sens filgħaxija x'ħin jinxtegħlu d-dwal biex iqajjmu aktar l-atmosfera ta' żmien il-Milied. B'hekk l-*overlapping* tela' għal 3 sigħat. Kien propost li s-SE jikteb lill-każini sabiex fil-futur, meta jkun hemm bżonn ta' permessi għal xi attivita', l-applikazzjonijiet isiru skont l-avviż legali u jingħata ċans li dawn jiġu vvettjati mill-kunsillieri biex ma jinħoloqx inkwiet żejjed.

Applikazzjonijiet *b'e-mail* mhux se jkunu kkunsidrati għaliex dawn iridu jsiru fuq l-applikazzjoni apposta li qiegħda annessa mal-avviż legali. Michel Farrugia qal li hu joġġezzjona li se jsir *Car Wash* mill-Każin ta' Sta Marija fil-festa tal-Kunċizzjoni għaliex l-ilma maħmuġ tal-karozzi se jgħarraq il-purċissjoni minkejja li dawn se jkunu ilhom li waqfu madwar sagħtejn qabel ma din toħroġ mill-Knisja.

7. Id-Deputat Sindku qalet li minflok it-tinda l-kbira f'nofs Misraħ il-Fidwa, iż-żgħażagħ raw li aħjar li kieku jkun hemm bejjiegħa fuq iż-żewġ naħat tal-ġnien taħt tined żgħar. Filwaqt illi fil-parkeġġ prinċipali tintrama' mill-ġdid il-kukkanja. Grace Marie Mallia qalet illi ma taqbilx li ssir il-kukkanja għaliex din issa hija abbinata mal-attivita' Biss bil-Ħila, mentri id-Deputat Sindku sostniet illi bil-fors irid ikun hemm *climax* f'*event*, biex din ikollha l-importanza tagħha u għaldaqstant il-kukkanja hija f'lokha. Għal fatt illi l-ewwel reazzjonijiet tal-Kunsill Malti għall-Arti u l-Kultura kienu qalu illi l-istat tal-kukkanja hu ħazin, peress li x-xibka tagħha tmermret xi ftit, id-Deputat Sindku qalet illi minn konverżazzjonijiet li kellha ma' min hu inkarigat mill-kukkanja, irriżulta li dawn ir-reazzjonijiet kienu *blown out of proportions* għaliex hi ġiet infurmata li din m'hemmx spejjeż ta' barra minn hawn biex titranġa. Dwar l-istima sabiex titranġa, l-istess rappreżentanti tal-Kunsill Malti għall-Kultura qalu lid-Deputat Sindku li huma fadlilhom xi ftit fondi għal dan ir-restawr, pero' il-KLM irid jgħin fir-restawr tal-kukkanja. Hi qalet li dan ikun possibbli, bil-patt u l-kundizzjoni li fil-futur iħalluna nużawha u li f'każ li jkollu bżonnha ħaddieħor fl-istess data, aħna ningħataw preferenza. L-ispejjeż neċessarji għar-restawr għadna ma nafux kemm huma, għaliex l-uffiċjal li ser jgħinna hu msiefer u se jasal lura Malta nhar il-Ħamis, 4 ta' Diċembru.

8. Michel Farrugia wkoll qal li l-kukkanja mhix marbuta mal-Imqabba, u hija ħasra li rmejna l-barriera li kienet tintrama fil-pjazza biex daħħalna din il-logħoba. Id-Deputat Sindku qalet illi anke fil-*poster* se jkun hemm il-bubini tal-*Christmas Tree* tal-Milied li fihom se jkun hemm id-dettalji tal-attivita' imdendlin mal-kukkanja. Paul Spiteri qal li ġaladarba mhix se ssir it-tinda l-kbira, il-kukkanja tista' ssir fin-nofs f'Misraħ il-Fidwa għaliex se jkun hemm spazju, filwaqt li appella sabiex il-KLM javża lir-residenti miħabba d-diffikulta' li jista' joħloq bil-parkeġġi. Id-Deputat Sindku qalet illi se nibdew *b'rock mass* kif intqal qabel din il-laqgħa mal-Kappillan, u din se tkun *open air,* filwaqt li lill-għaqdiet se nagħtuhom żewġ *stalls* u se nobbligawhom jagħtu donazzjoni (li ma' ssemmietx kemm se tkun) lill-Fondazzjoni Qalb it-Tfal. Hija qalet li diġa' hemm interess li jarmaw ukoll xi dilettanti tal-Maltacrafts. Dwar avviżi ta' promozzjoni, id-Deputat Sindku qalet illi se jsiru fuq ir-radjijiet tal-partiti politiċi u se naraw ukoll li jsiru fuq *Bay Radio.* Se jsir ukoll billboard, *posters* fil-ħwienet u se nistampaw 1,200 leaflet biex jitqassmu f'kull dar Imqabbija.

9. Dwar id-dawl tal-Milied, se ngħidu lill-Każin Sta Marija biex dan jixhel bejn il-5:00pm u l-11:00pm. Dan xehel eżatt kif indikat fil-minuti ta' dan il-KLM nhar l-1 ta' Diċembru, minkejja xi diffikultajiet li kien hemm mal-Arms u l-Korporazzjoni Enemalta.

10. Dwar żieda ta' dawl tat-toroq fl-inħawi tax-Xatba l-Ħamra kif propost minn Paul Spiteri, is-SE se jibgħat *site plan* vojta ħalli dan jimmarka fuqha fejn hu mixtieq dan id-dawl u din l-applikazzjoni tintbagħat għall-*vetting* lill-Korporazzjoni Enemalta. Il-KLM jittama li hemm il-linji tal-*istreet lighting* peress li minkejja li hemm l-arbli tal-

Korporazzjoni Enemalta diġa' mħawwlin, dan is-sit hu meqjus bħala wieħed mhux urban.

11. Il-*Head tal-Monitoring Unit* tad-dipartiment tal-Gvern Lokali, is-Sur Paul Pace, ċempel lis-SE u staqsieh x'se jagħmel biex wara li rċevew ir-rapport finanzjarju tat-tielet kwart ta' din is-sena, jonqos id-dejn u titjieb il-*Financial Situation Indicator*. Is-SE bagħat jgħidlu illi jekk il-KLM jieħu l-konsiderazzjonijiet tal-Awditur Ġenerali u tal-Awdituri, li kull sena jiġu jaraw il-kotba tal-KLM, u jitrażżnu l-ispejjeż tal-*community and hospitality* filwaqt li jirriduċi l-operat tiegħu sabiex ma jsirux affarijiet ġodda iżda ssir biss il-manutenzjoni u t-tħaddim tal-kuntratti tat-tindif u joħorġu l-pagi tal-ħaddiema, il-KLM se jkun qed inaqqas l-impatt tad-dejn. Intant id-Deputat Sindku qalet illi bħalissa l-kredituri ewlenin tal-KLM huma *Elle's Urban Services,* li ftehmna miegħu kif se jitħallas, u *Asfaltar Ltd,* li ftehmna li ntuh €10,000 kull tliet xhur filwaqt li nagħmlu l-arranġamenti meħtieġa magħhom biex nonoraw il-ħlasijiet fuq it-toroq li għamel il-KLM fil-leġiżlatura li għaddiet.

12. Mariano Briffa naqas li jiġi għar-rikonoxximent li ħejjielu l-KLM - rikonoxximent li kien se jingħata fis-serata Ġieh l-Imqabba 2014. Is-Sur Briffa naqas li jiġi anke llum, fejn kien mistieden biex jattendi għal din il-laqgħa biex jiġi ppreżentat it-*token* ta' apprezzament.

13. Dwar id-DNO ta' Ġnien Onġi Onġella, il-Perit William Lewis, permezz tal-perita tiegħu, qalilna illi rridu rispons mill-KNPD u minn *Transport Malta* qabel ma jissottomettuha lill-MEPA. Dan sabiex joħroġ il-permess tal-MEPA għal dan il-ġnien – meta diġa' għaddew kważi tliet xhur minn meta kien inawgurat.

14. Id-Deputat Sindku qalet illi saret il-laqgħa mal-Perita mill-Uffiċċju tal-Perit William Lewis biex naraw il-ħofra quddiem il-ħanut tax-xagħar fi Triq Santa Katerina, u l-ilma li daħal anke mis-saqaf il-ġdid fl-Isptar il-Qadim. Għall-proposta tal-Perit, Charlene Zammit staqsiet kemm hu aktar *feasible* li jsir *survey* milli tipprova tirrimedja billi jsiru interventi li bihom niffrankaw il-flus tas-*survey.*

15. Id-Deputat Sindku qalet illi hija kellha laqgħa informali mas-Segretarju Parlamentari għall-Anzjanita' Attiva', l-Onor Justyne Caruana dwar il-proposta tagħna ta' *Day Centre*. Din infurmatna illi l-Gvern Ċentrali joħroġ sa' massimu ta' €20,000 biex isir day centre. Id-deputat sindku esprimiet l-idea li dawn ikunu utilizzati sabiex ikun riabilitat il-Youth Centre tal-Imqabba u possibilment ninstallaw lift fil-*Youth Centre* tal-Parroċċa biex dan jintuża għal Day Centre għall-anzjani tar-raħal. Grace Marie Mallia qalet illi aktar ikun proġett sostenibbli kemm-il darba jissaqqaf il-ġibjun u d-day centre jinbena fuqu. Charlene Zammit qalet li l-proġett ta' fuq il-ġibjun ser jieħu s-snin biex jitlesta, filwaqt li bl-€20,000 li qed joħroġ l-Gvern għad-day centres, nistgħu naħdmu biex ikollna wieħed f'qasir żmien. B'hekk l-anzjani jkunu moqdija u ma jkollhomx għalfejn jistennew sakemm jitlesta l-proġett il-kbir, li huwa ħafna aktar ambizzjuż.

16. Ic-cheque tas-€60 minħabba ħsarat fuq tire ingħata lis-Sur Felix Mallia. Il-kuntrattur li kien ħalla l-bankina fi stat ħazin ta' manutenzjoni ħallas dawn l-ispejjeż lill-KLM.

17. Michel Farrugia qal li hemm bzonn li ssir manutenzjoni fil-latrina pubblika filwaqt li dak il-ħin stess is-SE wera apparat tal-*flushing* li għadu kemm tbiddel fl-istess latrina mill-ħaddiema tagħna. Intant, se jitkellem mal-kuntrattur biex naraw x'għandna bżonn aktar.

18. Il-KLM iddeċieda illi tintbagħat applikazzjoni lill-Korporazzjoni Enemalta sabiex tinqala' l-lampa *central hanging* li hemm quddidem il-KLM u din titwaħħal mal-faċċata tagħna. Dan wara li kellna ilmenti mingħand min joqgħod faċċata tal-Muniċipju minħabba allegata ħsara li din il-lampa *central hanging* qed tagħmel mal-proprjeta' tiegħu.

19. Id-Deputat Sindku talbet lill-kunsillieri sabiex jiftehmu ġurnata ħalli jmorru jaraw il-ġugarelli tat-tfal li se jitqassmu b'xejn fil-*party* tal-Milied.

20. Dwar l-Onorarja tas-Sindku, it-tifel tiegħu Aaron Briffa talabna informalment illi din tibda' tgħaddi direttament fil-kont tal-bank ta' missieru li għadu indispost minħabba l-qagħda tas-saħħa tiegħu, peress li dan qed jgħid illi missieru tah il-kunsens li jagħmel dan. Is-SE kien mitlub mid-Deputat Sindku sabiex jikteb lid-Dipartiment Gvern Lokali u jara tistax issir din il-biċċa xogħol mingħajr il-kunsens bil-kitba tal-istess Sindku. Il-kunsillieri ma kellhomx oġġezzjoni biex is-SE jibda' jgħaddi din l-ordni lill-bank hekk kif isir fil-każ tal-pagi tal-ħaddiema u d-Deputat Sindku qalet li jekk id-dipartiment ma jkollux oġġezzjoni, il-KLM ser jgħaddi l-onorarja lis-Sindku, li bħalissa huwa indispost, direttament fil-kont tal-bank tiegħu.

21. Dwar il-linji s-sofor referuti hawn fuq f'dawn il-minuti, fi Triq il-Parroċċa, id-Deputat Sindku qalet illi kien hemm diffikultajiet għaliex il-każ tela' sal-uffiċċju tal-Prim Ministru. F'dan il-każ, uħud xtaqu li quddiem il-*garage* tar-residenza *Saint Marie* ssir kaxxa bajda għal parkeġġ. Paul Spiteri qal li din hija biċċa xogħol tal-Perit tagħna li jibgħat il-proposti lil *Transport Malta* filwaqt li s-SE talab lill-Kummissarju tal-Pulizija jinvestiga dan kollu minħabba kliem malafamanti fuqu personali mingħand il-persuna li kiteb l-e-mails bl-ilment. Is-SE iddikjara illi sakemm tasal skuża bil-miktub mingħand dan l-individwu, mhux se jagħmel kuntatt miegħu bl-ebda mod. Wara li saritilna rikjesta minn sid il-garaxx, id-Deputat Sindku qalet li ser nitolbu lill-awtoritajiet biex jikkonċedu sinjal isfar ta' metru 'l hawn u metru 'l hinn mill-garaxx. Intant il-ġar tagħha li rrefera għalih is-SE qed ikompli jinsisti li dan m'hu veru *garage* xejn. Id-deputat sindku qalet li min-naħa tagħna bgħattna nikkjarifikaw illi l-kunsill aġixxa b'mod regolari fiċ-ċirkostanzi u li aħna m'aħniex tal-MEPA jew pulizija. Min qed ikompli jinsisti li l-garaxx mhux filfatt garaxx għandu jissostanzja l-argument tiegħu billi jirrikorri għand l-awtoritajiet kompetenti għall-verifika.

22. Id-Deputat Sindku semmiet ukoll il-każ tas-Sur Farrugia li joqgħod fi Triq San Bażilju li qed jilmenta minn kaxxi bl-iskart quddiem ir-residenza tiegħu maħruġa minn persuna ġranet qabel ma dan ikun se jinġabar. Id-Deputat Sindku qalet li l-infurzar mhux essaġġ fir-*remit* tagħna għaliex aħna m'aħniex *law enforcers.* Hawn Paul Spiteri issuġġerixxa li dan l-individwu għandu jieħu r-ritratti ta' din il-persuna titfa' l-iskart barra ħalli l-KLM ikun jista' jgħaddihom lill-awtoritajiet biex jieħdu passi. Id-Deputat Sindku qalet li għandna nitolbu lill-pulizija biex isegwu l-każ.

23. Michel Farrugia talab lill-KLM sabiex fi Triq il-Fjuri titpoġġa tabella biex is-sidien tal-klieb ineħħu l-ħmieġ li jħallu warajhom, u Grace Marie Mallia qalet illi l-problema hija estiża għal Triq Valletta quddiem l-Iskola.

24. Dwar il-każ ta' Triq iż-Żurrieq, il-Bord tal-Governanza ta tort lilna għaliex ma tajniex informazzjoni biżżejjed dwar il-livelli tat-triq. Hawn is-SE qal li dak iż-żmien, fl-2012, meta l-KLM kien asfalta din it-triq, il-kuntrattur kien żamm mal-livelli tad-djar kollha u mhux ma' dawk ta' xi individwu partikolari. Barra minn hekk, biex inwieġbu l-mistoqsija ridna nkunu nafu l-livelli li kienu saru mill-PAPB li laħaq kien xolja qabel ma kienu ntrodotti l-Kunsilli Lokali. Biex tgħaxxaq, lanqas ko-operazzjoni mill-MEPA ma sibna fil-każ tal-livelli ta' din it-triq, dejjem għaliex l-istess PAPB kien waqaf jiffunzjona. Għalhekk ser niktbu lill-Ombudsman biex nesprimu l-aggravji tagħna.

25. Michel Farrugia talab li jsir *patching* fi Triq iż-Żurrieq bil-ħaddiema tal-KLM, filwaqt li Grace Marie Mallia qalet li hemm bżonn ukoll li dan isir fi Triq it-Torri Vincenti.

26. Se nkomplu nagħmlu tentattivi sabiex is-siġar li hemm quddiem iċ-ċimiterju jinqalgħu mill-ELC.

27. Kien diskuss il-ħruġ tal-fuljett u l-materjal li se jkun hemm fih. Dan sabiex filwaqt li nippromwovu l-attivita' tal-Kunsill taż-Żgħażagħ, inwasslu l-awguri lir-residenti kollha tal-Imqabba f'dan iż-żmien filwaqt li ninfurmawhom bl-iżviluppi u l-attivitajiet li jkunu saru mill-aħħar ħarġa sa issa. Intqal li r-ritratt tan-*Nativity Set* li se jitpoġġa fis-*central strip* fi Triq Karmenu Ciantar jista' jkun ukoll ir-ritratt tal-qoxra tal-fuljett biex nibqgħu mat-tema tal-Milied filwaqt li nuru xi ħaġa li għandna fir-raħal.

28. Grace Marie Mallia qalet li l-kaptelli ta' Triq San Bazilju ma nbidlux filwaqt li s-SE kien infurmat li dawn inbidlu mill-ħaddiema tal-IPSL/CWS.

29. Kienet approvata l-Payment Approval Sheet numru 490.

30. Grace Marie Mallia qalet li jinħtieġ nimmarkaw fuq *site plan* fejn nixtiequ li ssir iz-*zebra crossing* fi Triq tas-Sejba. Hi qalet li dwarha kellmet personalment lis-Sur Luke Genuis ta' *Transport Malta* u talbitu wkoll il-proposti tagħhom dwar fejn din tista' ssir biex ma tkunx f'post li tikkreja l-inċidenti minflok teliminhom. Id-Deputat Sindku qalet li din iz-zebra crossing kienet waħda mill-ewwel proposti li ressqet lill-KLM u qalet li wara li tkellmet ma' diversi residenti, taħseb li l-aħjar post għaliha huwa ħdejn il-*bus stop* eżistenti, minkejja li l-KLM kien talab li l-istess *bus shelter* jitressaq ftit metri 'l bogħod.

31. Michel Farrugia semma *Mile Stone* li tneħħiet mir-raħal tagħna u hu għandu tagħrif li din ittieħdet minn Triq iż-Żurrieq, kantuniera ma' Triq Ħal Kirkop, u tinsab f'xi mkien f'Santa Lucia. Hu qal li din jinħtieġ li terġa' tinġieb l-Imqabba, u li jekk mhux fl-istess post, almenu din għandha titqiegħed fuq il-Mentna minħabba l-valur li fiha.

32. Grace Marie Mallia pproponiet sabiex għax-xahar ta' Jannar il-KLM jorganizza *Buffet Breakfast* f'Hotel. Il-kunsillieri qablu bil-patt li l-applikanti jħallsu wkoll għat-trasport.

33. Intant is-SE kien awtorizzat li jordna gwardjan għal mal-Kappella ta’ Sta Katerina għall-attivita’ taż-żgħażagħ ta’ nhar il-21 ta’ Diċembru, sabiex jindokra l-bradelli tal-festa esposti hemm ġew.

34. Il-laqgħa tal-KLM li jmiss se tinżamm nhar is-16 ta’ Diċembru, 2014 u din spiċċat fit-8:31pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*16/12/2014 minn:* | **Charlene Zammit**<br>**Viċi Sindku** |